25 ta' Settembru, 1950.

**Imħallfin:**

L-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.
L-Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

**Avv. Dr. Anthony Pullicino et. versus Frank Agius ne. et.**

**Assemblea Leġislattiva — Elezzjonijiet — "Recount" — "Ballot Papers" — "Election Petition" — Kap. 163 ta' l-Edizzjoni Riveduta — Reg. 16 u 15 tal-Polling Regulations, 1939.**

*Il-kandidat f'elezzjoni li tkun saret biex jinħatru l-membri ta' l-Assemblea Leġislattiva, li jkun irid jitlob "recount" tal-voti wara li jkun ġie dikjarat ir-riżultat ta' l-elezzjoni, jista' jagħmel din it-talba biss permezz ta' "election petition" preżentata fil-Qorti ta' l-Appell tal-Maestà tar-Re bħala Qorti ta' l-Ewwel Grad, kif jippreskrivi r-regolament 16 tal-Polling Regulations, 1939.*

*Għax il-każ ma jaqax taħt ir-regolament 15 ta' dawk il-Polling Regulations, billi dak ir-regolament jirrigwarda l-"election commissioners", u mhux lill-Qorti, fis-sens illi jagħti lill-kandidat jew lill-aġent tiegħu li jitlob "recount" tal-voti li jkunu ngħaddu f'dak il-"count" malli huwa jħoss in-neċessità tar-"recount" u qabel ma jkun ġie dikjarat ir-riżultat ta' l-elezzjoni, salvo li jirrikorri lill-Qorti jekk it-talba tiegħu għal dak ir-"recount" ma tiġix milqugħa mill-Election Commissioners.*

Rat ir-rikors ta' l-imsemmija Dottor Anthony Pullicino u, għall-interess li jista' jkollhom, ta' l-Avukat Dr. Enrico Mizzi għan-nom tal-Partit Nazzjonalista, u tan-Nutar Dr. Giorgio Borg Olivier, preżentat quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, li bih, wara li ppremettew illi l-esponenti Dottor Pullicino u Nutar Dr. Borg Olivier ippreżentaw ruħhom bħala kandidati għar-Raba' Distrett fl-aħħar elezzjonijiet ġenerali miżmuma f'Malta u Għawdex fit-2, 3 u 4 ta' Settembru, 1950; u illi, x'ħin kien għoddu wasal biex jingħadd l-ewwel għadd tal-poloz fl-imsemmi Raba' Distrett, l-esponent Dr. Pullicino talab lil wieħed mill-Kummissjunarji ta' l-Elezzjonijiet sabiex igħidlu kemm kien irriporta voti sa dak il-ħin bl-ewwel preferenza favur tiegħu, u ġiet lilu mogħtija l-informazzjoni illi kien hemm ħażna ta' seba' pakki ta' mitt vot il-wieħed, oltre mitejn vot ieħor bil-preferenza favur tiegħu

f'idejn wiehed mis-"sorters", li effettivament ikkonferma dan lill-istess Dr. Pullicino; li għalhekk kien imissu kellu b'kollox disa' mitt vot bl-ewwel preferenza favur tiegħu; u illi però, meta ġie mxandar uffiċjalment l-ewwel għadd ta' voti fl-imsemmi Raba' Distrett, irriżulta illi n-numru ta' voti bl-ewwel preferenza favur l-esponent Dottor Pullicino kien ta' 715; u illi mill-predett jirriżulta li għandu jitnissel, jekk ma hux argument konkluživ, ċertament suspett fondat illi fl-ewwel għadd tal-poloz tar-Raba' Distrett ittieħed żball a diskapitu ta' l-esponent Dottor Pullicino, li għalhekk jinsab intitolat, in bażi għall-artikolu 16 (1) tar-Regolamenti għall-Votazzjoni ta' l-1939, li jitlob li jerġgħu jingħaddu l-poloz kollha tar-Raba' Distrett; talbu li, in bażi għall-art. 16 (1) ta' l-imsemmija Regolamenti għall-Votazzjoni ta' l-1939, u in bażi għal kwalunkwe dispożizzjoni tal-liġi applikabili għall-każ, li din il-Qorti tordna li jsir għadd mill-ġdid tal-poloz kollha tar-Raba' Distrett;

Rat is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti tat-18 ta' Settembru 1950, li biha dina l-Qorti rrespinġiet it-talba, bl-ispejjeż għar-rikorrenti;

*Omissis*;

Illi l-lament tar-rikorrenti, u in partikulari ta' l-Avukat Dottor Anthony Pullicino, huwa bażat fuq il-fatti esposti fir-rikors, li rriżultaw kollha kif ġew allegati, bid-differenza sostanzjali illi s-"sorter", li kien Harry Craig, kif huwa xehed, ma ikkonfermax lir-rikorrent Dr. Pullicino li kellu f'idejh żewġ pakki ta' mitt vot bi preferenza għalih, imma li kien għadu kemm għadd żewġ pakki simili, u li dak il-ħin ma kienux f'idejh għax kien ikkonsenjahom — ħaġa din li tbiddel il-pożizzjoni kollha kif prospettata mir-rikorrenti;

Illi jirriżulta mix-xhieda stess tar-rikorrent Dr. Pullicino li huwa, sa ħafna "counts" wara li ħareġ l-ewwel "count", u kwindi minn meta ħaseb li sar dak l-iżball, ma tkellem xejn u ma talabx "recount";

Ikkunsidrat;

Illi apparti mid-diverġenza fil-fatti fuq riżultati u ġà msemmija, ma jidherx illi r-rikorrenti jistgħu jġibu 'l quddiem it-talba tagħhom issa, wara li ġie dikjarat ir-riżultat finali tal-għadd tal-voti għar-Raba' Distrett. U tabilħaqq, skond is-

sezzjoni 15 tar-Regolamenti għall-Votazzjoni, 1939, kull kandidat, jew l-aġent tiegħu, jista' jitlob lill-Kummissjunarju ta' l-Elezzjonijiet, "at the end of any count", "to re-examine and recount all or any of the papers dealt with during that count; and the Election Commissioners shall forthwith re-examine and recount accordingly the papers indicated". Imbagħad, skond is-sezzjoni 16 (1) jingħad:— "Upon an election petition, the Court may direct the whole or any part of the ballot papers to be recounted..............";

Dawn iż-żewġ sezzjonijiet tar-Regolamenti fuq imsemmijin, meħudin flimkien, juru ċar li t-talba għar-"recount" tal-"ballot papers" tista' ssir jew lill-"Election Commissioners" jew lill-Qorti; u 'mhux lit-tnejn, imma jew lill-Kummissjunarji jew lill-Qorti; u lanqas skond ma jidhirlu jew skond kif jidhirlu li għandu jagħżel min jagħmel dik it-talba, imma skond jekk il-ħtieġa għar-"recount", fil-ħsieb tal-kandidat jew ta' l-aġent tiegħu, jekk jitlobha, tinħoloq fl-aħħar ta' xi "count", jew wara li jkunu spiċċaw il-"counts" kollha u r-riżultat ta' l-elezzjonijiet għal dak id-distrett ikun ġie dikjarat għaliex l-"Election Commissioners" ikunu taw id-deċiżjoni tagħhom;

Dana naturalment jingħad bħala regola ġenerali, u mingħajr preġudizzju ta' kull ċirkustanza ta' kull każ in partikulari; u jiġi argumentat ukoll minn dak li jinsab dispost fis-sezzjoni sussegwenti — dik numru 17 (1) ta' l-istess Regolamenti — fejn jingħad li f'każ ta' kwistjoni dwar it-trasferiment ta' voti, id-deċiżjoni ta' l-"Election Commissioners", tant jekk hija espressa kemm jekk impliċita, hija finali, u t'sta' biss tiġi mibdula mill-Qorti fuq talba li ssirilha għal hekk, jekk "an objection is made in writing by any candidate or his authorised agent before the declaration of the poll";

Għalhekk il-Qorti tieħu konjizzjoni ta' talba simili biss meta l-kandidat ikun sab li hemm il-ħtieġa għar-"recount" wara d-"declaration of the poll". Jekk dik il-ħtieġa jsibha qabel, fl-ewwel "count" jew fil-kors tal-"counts" l-oħra sakemm issir id-"declaration of the poll", il-kandidat jew l-aġent tiegħu għandu dritt li jirrikorri għar-"recount" lill-"Election Commissioners" biss — salv jekk dawna ma jagħ-

tulix sodisfazzjoni, għax ma jkunux iridu jaderixxu għat-talba tiegħu — ħaġa li ma jidħrux li huma jistgħu jagħmluha — u huma allura jirrikorru lejn il-Qorti għall-provvedimenti meħtieġa. Kieku ma kienx hekk, u talba għar-"recount" issir dejjem lill-Qorti, id-dispożizzjoni tas-sezzjoni 15 fuq imsemmija ma kienx ikun hemm lokha;

Issa, fil-każ attwali, ir-rikorrent Dr. Pullicino deherlu li kien hemm lok għar-"recount" immedjatament kif ħareġ ir-riżultat ta' l-ewwel "count" tad-distrett li fih hu kien wieħed mill-kandidati; u intant huwa ma tkellimx, u ma talabx "recount", u lanqas għamel xi ħaġa li biha huwa oġġezzjona għal xi ħaġa kontra l-"accuracy of any previous count". Għaldaqstant, bid-"declaration of the poll" ta' dak id-distrett, u fin-nuqqas ta' talba għar-"recount" lill-"Election Commissioners", id-deċiżjoni ta' dawn saret finali, u r-rikorrent ma baqgħalux dritt li jirrikorri lill-Qorti biex isir "recount";

Illi t-talba, għall-interess li fil-każ jista' jkollhom ir-rikorrenti l-oħra — l-Avukat Dr. Enrico Mizzi għan-nom tal-Partit Nazzjonalista u n-Nutar Dr. Giorgio Borg Olivier — li mhix dipendenti minn dik tar-rikorrent Dr. Pullicino, bażata fuq li sar żball fil-għadd ta' l-ewwel "count" in kwistjoni, billi dawk il-mitejn vot ingħataw lil xi kandidat ieħor jew intilfu, il-Partit Nazzjonalista, li għalih ir-rikorrent kien wieħed mill-kandidati għar-Raba' Distrett, ġie jew seta' tilef kandidat, u n-Nutar Dottor Borg Olivier, kandidat ieħor tal-Partit Nazzjonalista għal dak id-distrett, seta' tilef xi voti bi trasferiment minn għand Dr. Pullicino, ma hijiex sostenibili; għaliex mill-fatti li fuqhom ir-rikorrenti jibbażaw il-pretensjoni tagħhom, li ma ġewx sostanzjalment sostnuti, u speċjalment mix-xhieda ta' Harry Craig, il-Qorti hija sodisfatta li ma sar ebda żball fl-ewwel "count" ġa fuq imsemmi;

Rat in-nota ta' l-appell u l-petizzjoni ta' l-attur, li biha talab ir-revoka ta' l-istess sentenza, billi tiġi milqugħa t-talba tiegħu;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Dina l-kwistjoni tista' titqies biss taħt ir-Regolament numru 16 ta' "The Polling Regulations, 1939". Ir-Regolament nru. 15 ma jirrigwardax lill-Qrati, iżda lill-"Election

Commissioners". Issa l-appellanti qegħdin jitolbu "recount". Skond ir-reg. 16 din ir-"recount" tista' tingħata unikament "on an election petition". Kif jista' jigi faċilment dedunt mill-art. 34 u 66 tal-Kap. 163 (li taħtu huma magħmula l-Polling Regulations), "election petition" hi dik li fiha l-kwistjoni tkun dwar jedd ta' persuna li tkun jew tibqa' membru tal-Parlament ("to be or remain"). "Election petition" għandha tingieb, b'istanza fuq il-kwistjoni fuq imsemmija, quddiem din il-Qorti bħala Qorti ta' l-Ewwel Grad, b'ċitazzjoni. F'dan il-każ, apparti li l-proċedura b'rikors quddiem l-Ewwel Qorti hi dejjem żbaljata, għaliex il-proċedura solita u normali hi b'ċitazzjoni, "election petition" b'istanza simili miġjuba quddiem din il-Qorti b'ċitazzjoni ma hemmx; u kwindi ma jistax ikun hemm kwistjoni ta' "recount";

F'dan is-sens biss din il-Qorti tikkonferma d-deċiżjoni ta' l-Ewwel Qorti, u tiċħad l-appell; bl-ispejjeż. Salvi drittijiet oħra ta' l-appellanti, "si et quatenus".

---